Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 20,879, 21 ta' Ġunju, 2022
Taqsima B

A.L. 179 tal-2022

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinamenti tal-2022 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sa l-Ewwel Grad, 2019 għall-Grad ta' Bachelor of Arts (Honours) in Scripture Studies - B.A. (Hons) – taħt il-patroċinju tal-Fakultà tat-Teoloġija

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikoli 74 (5) u 75 (6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord tal-Fakultà tat-Teoloġija bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikolu 81 (1) (ċ) ta' dak l-Att u li ġew approvati mis-Senat tal-Università ta' Malta kif jirrikjedi l-artikolu 81 (2) ta' dak l-Att:

It-Titlu u l-Interpretazzjoni

1. (1) Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti tal-2022 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2019 għall-Grad ta' Bachelor of Arts (Honours) in Scripture Studies - B.A. (Hons) - taħt il-patroċinju tal-Fakultà tat-Teoloġija.

(2) F'dawn l-ordinamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx mod ieħor -

"il-Bord" tfisser il-Bord tal-Fakultà tat-Teoloġija;

"id-Diploma" tfisser id-Diploma in Scipture Studies;

"il-Grad" tfisser il-grad ta' Bachelor of Arts (Honours) in Scripture Studies - B.A. (Hons);

"il-Kors" tfisser il-programm tal-kors li jwassal għall-grad ta' Bachelor of Arts (Honours) in Scripture Studies - B.A. (Hons); u

"ir-Regolamenti Prinċipali" tfisser ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sa l-Ewwel Grad, 2019.

L-Applikabilità

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2022 jew wara.

Ir-Rekwiżiti għad-Dħul

3. (1) Biex ikunu rreġistrati bħala studenti regolari fil-Kors, l-applikanti għandhom jissodisfaw ir-rekwiżiti ġenerali għad-dħul kif speċifikati fir-Regolamenti għad-Dħul.

(2) L-applikanti li jidħlu bħala "Studenti Adulti" skont il-paragrafu (ċ) tar-regolament 6 tar-Regolamenti għad-Dħul għandu jkollhom il-kwalifiki u/jew l-esperjenza li jissodisfaw il-Kumitat tad-Dħul tal-Fakultà, permezz ta' intervista, li huma lAħqu l-livell akkademiku meħtieġ biex isegwu l-Kors bi profitt.

(3) L-applikanti li jidħlu skont il-paragrafu (2) ta' dan l-ordinament iridu jgħaddu minn test ta' proficjenza fl-Ingliż kif approvat mill-Università qabel ma jidħlu għall-Kors, sakemm li l-applikanti li jkunu għaddew bi Grad ta' 3 jew ogħla fil-Lingwa Ingliża fiċ-Ċertifikat tal-Edukazzjoni Sekondarja jew ikunu għaddew minn kwalifika standard komparabbli, għandhom ikunu eżentati milli jagħmlu t-test ta' proficjenza.

It-Tul tal-Kors

4. Il-Kors jinfirex fuq medda ta' tliet snin ta' studju fuq bażi *full-time* jew ħames snin ta' studju fuq bażi *part-time*.

Il-Programm ta' Studju

5. Il-programm ta' studju, li għandu jikkonsisti minn taqsimiet studju li għalihom hemm assenjati 180 krettu ECTS, għandu jkun ippubblikat wara l-approvazzjoni tas-Senat, normalment mhux anqas minn tmien xhur qabel il-bidu tal-Kors.

6. L-istudenti li jtemmu b'suċċess it-taqsimiet studju li għalihom hemm assenjati 60 krettu ECTS, u li jagħżlu li ma jkomplux il-Kors jew, wara li komplew, ma jtemmux il-Kors b'suċċess, ikunu eliġibbli għad-Diploma.

7. L-istudenti jkunu eliġibbli għall-għoti tal-Grad jekk jiksbu l-180 krettu ECTS kif imfassal fil-programm ta' studju għall-Kors.

Il-Klassifikazzjoni tar-Rikonoxximent

8. L-evaluazzjoni globali tal-livell milħuq minn kull student fil-Kors għall-għan tal-klassifikazzjoni tal-Grad u tad-Diploma tkun ibbażata fuq ir-riżultati miksuba, bil-kretti kollha jingħataw piż ugwali.

Il-Provvedimenti Speċjali għall-Korsijiet fuq Bażi *Part-Time*

9. Il-provvedimenti tal-ordinamenti preċedenti għandhom japplikaw *mutatis mutandis* għall-korsijiet li jsiru fuq bażi *part-time*, u suġġett għal dawk it-tibdiliet li jistgħu raġonevolment jitqiesu mill-Bord bħala neċessarji minħabba n-natura *part-time* tal-Kors.